

Brussell, 2 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11145/25

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0231 (COD)

COMPET 674	AGRILEG 110
MI 497	SAN 426
IND 242	DENLEG 28
CONSOM 124	PHYTOSAN 22
JUSTCIV 124	SEMENCES 22
AGRI 321	STATIS 48
AGRIFIN 75	ECOFIN 940
VETER 70	CADREFIN 77

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-evalwazzjoni <i>interim</i> tal-Programm tas-Suq Uniku 2021–2027

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 347 final.

Mehmuż: COM(2025) 347 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2025
COM(2025) 347 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar l-evalwazzjoni *interim* tal-Programm tas-Suq Uniku 2021–2027

{SEC(2025) 195 final} - {SWD(2025) 172 final}

1. INTRODUZZJONI

Il-Programm tas-Suq Uniku (“il-programm” jew l-“SMP” (Single Market Programme)) huwa l-programm ta’ finanzjament tal-UE mfassal biex jgħin lis-suq uniku jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu u jiżgura l-irkupru fit-tul tal-Ewropa mill-pandemija tal-COVID-19. L-SMP għe **stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690** għall-perjodu tal-baġit fit-tul tal-UE għall-2021–2027 (magħruf bħala l-qafas finanzjarju pluriennali)¹.

L-Artikolu 3.1 tar-Regolament SMP jistabbilixxi żewġ **objettivi ġenerali**:

- “li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b’mod partikolari li jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b’mod partikolari lill-SMEs, billi jinforza l-liġi tal-Unjoni, jiffaċilita l-aċċess għas-suq, jiffissa standards u jippromwovi s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali, filwaqt li jirrispetta l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u jiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll billi jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;
- li jiżviluppa, jipproduċi u jiddissemina statistika Ewropea ta’ kwalità għolja, komparabbli, f’waqtha u affidabbli li tinfed it-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni u jgħin liċ-ċittadini, lil dawk li jfasslu l-politika, lill-awtoritajiet, lin-negozji, lill-akkademiċi u lill-media biex jieħdu deċiżjonijiet informati u biex jipparteċipaw b’mod attiv fil-proċess demokratiku.”

Ir-Regolament (l-Artikolu 3.2) jistabbilixxi wkoll objettivi speċifiċi, li huma l-pedament tal-istruttura f’pilastru tal-programm:

- Pilastru 1: Li jagħmel is-suq intern aktar effettiv.
- Pilastru 2: Li jsaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises).
- Pilastru 3: Li jiżgura standards Ewropej u standards internazzjonali tar-rapportar u tal-awditjar finanzjarji u mhux finanzjarji effettivi.
- Pilastru 4: Li jippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u jiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur u sikurezza tal-prodotti.
- Pilastru 5: Li jikkontribwixxi għal livell għoli ta’ saħħa u sikurezza għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti fl-oqsma tal-pjanti, tal-annimali, tal-ikel u tal-għalf.
- Pilastru 6: Li jiżviluppa, jipproduċi, jiddissemina u jikkomunika statistika Ewropea ta’ kwalità għolja.

Skont l-**Artikolu 18** tar-Regolament SMP, il-Kummissjoni trid twettaq evalwazzjoni *interim* fi żmien 4 snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tiegħu, li se tintuża fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-evalwazzjoni *interim* tkopri l-perjodu ta’ implimentazzjoni 2021–2023.

L-evalwazzjoni tivvaluta l-programm skont l-**objettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu**. F’konformità **mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar**, l-evalwazzjoni hija bbażata fuq l-analiżi ta’ ħames kriterji ta’ evalwazzjoni (l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE, ir-rilevanza). L-evalwazzjoni tivvaluta wkoll tliet kriterji addizzjonali dwar it-tfassil tal-programm (il-flessibbiltà, is-sinerġiji, is-simplifikazzjoni).

¹ Ir-Regolament SMP - 2021/690 - MT - EUR-Lex.

Minħabba t-tfassil kumpless tal-SMP, ġie adottat approċċ minn isfel għal fuq, pilastru b'pilastru, għal din l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat il-prestazzjoni ta' kull pilastru meta mqabbla mal-oġġettivi speċifiċi tiegħu biex tivvaluta kif dawn ikkontribwew għall-oġġettivi ġenerali tal-SMP u tasal għal konklużjonijiet għall-programm kollu kemm hu. **Dan l-approċċ huwa rifless f'dan ir-rapport.**

Is-sejbiet, il-konklużjonijiet u t-tagħlimiet meħuda se jgħinu lill-Kummissjoni tippjana l-ħidma tagħha għall-bqija tal-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali. Dan se jservi bħala bażi solida għat-tfassil ta' programmi u azzjonijiet futuri għas-suq uniku fil-perjodu finanzjarju ta' wara l-2027.

Dan ir-rapport jissejjes fuq **dokument ta' ħidma tal-persunal** ta' evalwazzjoni, maħluq mill-Kummissjoni, li jakkumpanja r-rapport. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal jipprovdi aktar dettalji dwar il-proċess ta' evalwazzjoni u r-riżultati. L-eżerċizzju ġie appoġġat minn kuntrattur estern, li kellu l-kompitu li jwettaq **studju indipendenti** li ntuża biex jappoġġa s-sejbiet tal-evalwazzjoni. L-evalwazzjoni tuża wkoll evidenza li tirriżulta minn attivitajiet ta' konsultazzjoni, mill-valutazzjoni tal-impatt, mir-rapporti ta' monitoraġġ, inklużi r-rapporti annwali, u minn data rilevanti oħra.

Il-metodoloġija tal-evalwazzjoni kienet tinkludi analiżi tad-data u trijangolazzjoni tas-sejbiet mid-diversi sorsi użati. Matul l-evalwazzjoni ġew iffaċċjati għadd ta' **sfidi u limitazzjonijiet** li jistgħu jinġabru f'żewġ kategoriji. L-ewwel kategorija tinkludi sfidi relatati man-nuqqas ta' struttura komuni ta' rapportar u sistema ta' indikaturi li jkopru l-kumplessità tal-arkitettura tal-SMP u n-natura diversa tal-attivitajiet tal-pilastru tiegħu u jirriflettu l-progress u l-impatt kumulattiv tal-programm. It-tieni kategorija tikkonċerna data primarja u sekondarja insuffiċjenti minħabba għadd limitat ta' tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika, feedback baxx għas-sejħa għal evidenza, u data statistika insuffiċjenti biex jiġu kkwantifikati l-kostijiet u l-benefiċċji tal-programm u r-riżultati prodotti.

2. SFOND

Il-Programm tas-Suq Uniku jikkonsolida l-linji baġitarji predeċessuri u sitt programmi ewlenin mill-perjodu finanzjarju preċedenti (2014–2020). Huwa jintegra inizjattivi bħall-COSME, il-Programm tal-Konsumaturi, u l-Programm tal-Katina Alimentari f'qafas wieħed.

Il-Programm tas-Suq Uniku jservi bħala l-istrument prinċipali ta' finanzjament tal-UE għaż-żamma u għall-avvanz tas-suq uniku. L-enfasi strateġika tal-SMP fuq it-trawwim tat-tkabbir ekonomiku, it-tnaqqis tal-ostakli u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni hija allinjata mal-oġġettivi komprensivi tiegħu li jiżgura suq uniku robust u integrat.

Il-baġit totali tal-SMP huwa ta' EUR 4 353 miljun għall-2021–2027. L-SMP alloka EUR 1 909 miljun matul l-ewwel 3 snin tiegħu, jiġifieri 44 % tal-baġit totali. Il-fondi tal-SMP ġew allokati matul l-ewwel 3 snin ta' implimentazzjoni (2021–2023) f'konformità mal-ammonti indikati fir-Regolament. L-allokazzjoni tal-fondi bejn id-diversi pilastru baqgħet allinjata mal-qafas stabbilit fir-Regolament SMP².

Il-programm huwa **strutturat madwar sitt pilastru**, li kull wieħed minnhom għandu fil-mira tiegħu oġġettivi speċifiċi. Ir-Regolament SMP alloka ishma indikattivi tal-baġit totali

² L-Artikolu 4 tar-Regolament SMP jindika ammonti speċifiċi ta' fondi għal kull pilastru f'euro.

għal kull pilastru. Il-fondi tal-programm jitqassmu permezz ta' diversi mekkaniżmi mfassla apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pilastru.

L-attivitajiet ewlenin appoġġati mill-SMP jinkludu:

- il-ġbir tad-data, l-analiżi, l-istatistika uffiċjali Ewropea, l-istudji u l-evalwazzjonijiet biex jiġu appoġġati l-infurzar effettiv u l-modernizzazzjoni tal-qafas legali tal-UE;
- inizjattivi ta' bini tal-kapaċitajiet u l-faċilitazzjoni ta' azzjonijiet konġunti fost l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom, il-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-UE;
- l-appoġġ finanzjarju għal mekkaniżmi li jippermettu lill-individwi, lill-konsumaturi u lir-rappreżentanti tan-negozji jinvolvu ruħhom fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
- it-titjib tal-iskambju u tat-tixrid tal-għarfien espert u l-għarfien;
- it-tfassil ta' standards komuni Ewropej.

Il-Pilastru 1 jappoġġa s-suq intern, pereżempju, permezz tal-infurzar effettiv ta' **politiki tal-kompetizzjoni u mekkaniżmi robusti ta' sorveljanza tas-suq**, u ġie allokat EUR 557 miljun (13 %). Il-kuntratti tal-akkwist iffinanzjaw attivitajiet bħall-iżvilupp ta' pjattaformi diġitali, inkluż CASE@EC u Safety Gate, li tejbju l-infurzar tal-kompetizzjoni u ffaċilitaw prattiki tas-suq aktar siguri. Dawn l-attivitajiet indirizzaw direttament l-oġettiv li jinżamm suq intern li jiffunzjona tajjeb.

Il-Pilastru 2 jappoġġa **lill-SMEs billi jrawwem il-kompetittività, jiffaċilita l-aċċess għas-swieq u jippermetti t-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika**, u ġie allokat EUR 1 biljun (24 %). L-għotjiet appoġġaw l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza mfassla apposta u opportunitajiet ta' networking internazzjonali permezz ta' inizjattivi ewlenin, bħal: (i) Network Enterprise Europe (EEN, Enterprise Europe Network), li jippermetti lill-SMEs jespandu fi swieq ġodda u jadottaw teknoloġiji diġitali u ekoloġiċi; u (ii) Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ, li ffaċilita l-iskambji transfruntiera, filwaqt li rawwem l-innovazzjoni u t-tkabbir intraprenditorjali.

Il-Pilastru 3 jsahha **il-proċessi ta' standardizzazzjoni** u l-oqfsa ta' rapportar biex jiġu żgurati prattiki tas-suq armonizzati, u ġie allokat EUR 221 miljun (5 %). Il-kontribuzzjonijiet lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni u għotjiet speċifiċi appoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards armonizzati, filwaqt li żguraw il-kompatibbiltà u ffaċilitaw il-kummerċ fl-UE u għenu biex tinżamm il-kompetittività globali tal-UE.

Il-Pilastru 4 javvanza **l-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti** permezz ta' inizjattivi kkoordinati ta' infurzar u ta' bini tal-kapaċità, u ġie allokat EUR 189,5 miljun (4 %). L-għotjiet u l-akkwist iffinanzjaw programmi ta' bini tal-kapaċità għall-awtoritajiet nazzjonali u saħħu mekkaniżmi ta' rimedju għall-konsumatur. Fost l-eżempji nsibu ċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECCs, European Consumer Centres), li solvew eluf ta' tilwim transfruntier, u l-pjattaforma Safety Gate, li ppermettiet identifikazzjoni u tneħħija aktar rapidi ta' prodotti mhux sikuri, filwaqt li ssalvagwardjat l-interessi tal-konsumatur.

Il-Pilastru 5 jindirizza **l-isfidi relatati mas-saħħa u s-sikurezza** fis-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura billi jippromwovi miżuri preventivi, il-kontroll tal-mard u prattiki sostenibbli, u ġie allokat EUR 1,68 biljun (40 %). L-għotjiet appoġġaw miżuri u programmi ta' emerġenza veterinarji u fitosanitarji u attivitajiet ta' reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR, antimicrobial resistance) u ta' prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Barra minn hekk, il-kuntratti tal-akkwist iffinanzjaw inizjattivi ta' taħriġ fl-ambitu tal-programm għat-Taħriġ Imtejjeb

għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF, Better Training for Safer Food). Dawn l-attivitajiet saħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tal-mard, tejbju l-konformità mar-regoli tal-UE, saħħu s-sikurezza tas-saħħa pubblika u għenu biex il-katina tal-provvista tal-ikel issir aktar sostenibbli.

Il-Pilastru 6 jipprovdi **statistika Ewropea ta' kwalità għolja**, li tipprovdi bażi ta' evidenza robusta għat-tfassil tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet, u ġie allokat EUR 552 miljun (13 %). Il-kuntratti ta' akkwist u l-għotjiet lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika ppermettew il-produzzjoni ta' settijiet ta' data robusti, inklużi aġġornamenti f'waqthom dwar l-indikaturi ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Dawn l-attivitajiet żguraw li daww li jfasslu l-politika kellhom aċċess għal data affidabbli u rilevanti biex jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet emerġenti b'mod effettiv.

3. SEJBIET EWLENIN

Minħabba l-istruttura unika tal-SMP u minħabba li l-attivitajiet jitwettqu permezz tal-pilastru tal-programm, l-analiżi tiffoka fuq l-oġġettivi speċifiċi bħala bażi biex jiġu pprovduti sejbiet għall-programm kollu kemm hu. L-evalwazzjoni *interim* tal-programm turi **konklużjonijiet pożittivi għall-ewwel 3 snin ta' implimentazzjoni (2021–2023)**. L-evalwazzjoni wriet li l-ażżjonijiet iffinanzjati ewlenin ikkontribwew għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-SMP. Minkejja l-konklużjonijiet pożittivi kumplessivi f'dan l-istadju ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni, hemm aktar lok għal titjib.

3.1. Effettività

L-SMP wera effettività fil-kisba tal-oġġettivi tiegħu, **għalkemm** jista' jkun hemm xi titjib peress li l-effettività tvarja bejn il-pilastru differenti.

L-attivitajiet iffinanzjati mill-SMP fl-ambitu tal-**Pilastru 1** appoġġaw b'mod effettiv it-titjib tal-għodod diġitali f'diversi oqsma ta' politika, inklużi l-politika tal-kompetizzjoni, is-sorveljanza tas-suq, is-servizzi finanzjarji u l-informazzjoni għall-konsumatur. Dawn l-għodod tejbju l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni billi użaw soluzzjonijiet diġitali speċifiċi, u tejbju l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs, national competition authorities) u mal-Istati Membri. Eżempji bħal CASE@EC, għodda għall-ġestjoni tal-każijiet, u eRFI, il-pjattaforma investigattiva elettronika tal-Kummissjoni, juru progress, għalkemm il-varar ta' CASE@EC fl-istrumenti tal-politika tal-kompetizzjoni huwa biss parzjalment komplut u l-għodod storiċi għall-ġestjoni tal-każijiet għad iridu jitneħħew gradwalment. Barra minn hekk, għodod bħal Your Europe u s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information System) appoġġaw b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni amministrattiva u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni tal-UE. Madankollu, l-evalwazzjoni tissottolinja l-importanza tal-ġbir regolari tal-feedback tal-utenti biex jiġi vvalutat aħjar l-impatt usa' ta' dawn l-għodod.

Il-Pilastru 2 juri l-effettività fil-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'inizjattivi ewlenin bħan-Network Enterprise Europe (EEN, Enterprise Europe Network) u Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ (EYE, Erasmus for Young Entrepreneurs) li jagħtu riżultati tajbin ħafna. Il-klijenti tal-EEN jirrapportaw rati ta' sodisfazzjon għoljin ħafna u effetti tanġibbli fuq il-prestazzjoni tan-negozju, u l-iskambji tal-EYE juru rati ta' suċċess għoljin u impatti kkonfermati tal-apprendiment. Il-Euroclusters użaw b'mod effettiv finanzjament kaskata biex jappoġġaw ir-reżiljenza, id-diġitalizzazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-SMEs. L-ażżjonijiet li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni, inklużi l-Helpdesks tal-Proprijetà

Intellettwali (PI) u ċ-Ċentru UE-Ġappun, kisbu riżultati sostanzjali, b'rati għoljin ta' sodisfazzjon u b'għadd sinifikanti ta' SMEs appoġġati.

Il-Pilastru 3 ta spinta effettiva lill-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-proċessi ta' standardizzazzjoni Ewropej u żied l-adozzjoni ta' standards Ewropej, filwaqt li appoġġa l-armonizzazzjoni u l-oġettivi ta' politika ewlenin. Filwaqt li organizzazzjonijiet bħall-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN, European Committee for standardisation) u l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC, European Committee for Electrotechnical Standardisation) kisbu rati ta' adoxxjoni nazzjonali għoljin, għad fadal sfidi fl-iżgurar tar-rappreżentanza tal-UE fil-livell internazzjonali u fit-titjib tal-prestazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI, European Telecommunications Standards Institute). Il-Pilastru appoġġa wkoll b'mod effettiv l-iżvilupp ta' standards ta' kwalità għolja għar-rapportar u l-awditjar finanzjarji u mhux finanzjarji. Permezz tal-finanzjament tal-SMP, il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju (EFRAG, European Financial Reporting Advisory Group) żviluppa b'suċċess l-ewwel sett ta' Standards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS, European Sustainability Reporting Standards) u ppromwova l-fehmiet tal-UE fir-rapportar finanzjarju, u l-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB, Public Interest Oversight Board) saħħaħ is-sorveljanza tal-istandards tal-awditjar, tejjeb ir-rappreżentanza ta' diversi partijiet ikkonċernati u indirizza kwistjonijiet ta' interess pubbliku.

Il-Pilastru 4 kien strumentali fiż-żamma u t-tisħiħ effettivi tal-protezzjoni tal-konsumatur madwar l-UE u fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-konsumatur fit-tfassil tal-politika. B'mod partikolari, dan huwa bis-saħħa tal-ħidma tan-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC, Consumer Protection Cooperation), is-sistema ta' twissija "Safety Gate", il-Konsultazzjonijiet taċ-Ċittadini Ewropej (ECCs, European Citizens' Consultations) u l-inizjattiva għas-sikurezza tal-prodotti fl-ambitu tal-proġett CASP, kif ukoll il-promozzjoni mill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur fil-livell tal-UE permezz tal-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC, European Consumer Organisation). Il-Pilastru saħħaħ ukoll b'mod effettiv l-involvement tal-konsumatur fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji. Finance Watch u Better Finance ikkontribwew b'mod sinifikanti għad-dibattiti ta' orjentazzjoni, għas-sensibilizzazzjoni u għar-rappreżentanza tal-interessi tal-konsumatur. Madankollu, ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw ħtieġa ta' aktar viżibbiltà u komunikazzjoni aħjar tal-attivitajiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

Il-Pilastru 5 kkontribwixxa b'mod effettiv għat-titjib tas-saħħa u s-sikurezza madwar l-UE. Dan appoġġa l-eradikazzjoni u l-konteniment tal-mard tal-annimali, bħad-denit tal-ħnieżer Afrikan (ASF, African swine fever) u l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza), u naqqas il-każijiet ta' bruċellożi, rabja u infezzjoni bis-*Salmonella* fil-popolazzjonijiet tal-pollam. Il-miżuri kofinanzjati għenu lill-Istati Membri biex jeqirdu jew irażżnu l-pesti tal-pjanti, bħall-*Xylella fastidiosa*, il-ħanfusa tal-qrun twil u n-nematodu tal-injam tal-arżnu. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jirrapportaw impatti pożittivi permezz ta' data kwantitattiva; madankollu, ma huwiex ċar sa liema punt l-SMP ikkontribwixxa għal dawn ir-riżultati. Il-flessibbiltà fil-programmi ta' ħidma veterinarji u fitosanitarji ppermettiet li r-riżorsi jiġu riallokati għal sfidi urġenti, biex b'hekk tissaħħaħ l-effettività. Madankollu, rati ta' kofinanzjament imnaqqsqa ħolqu sfidi baġitarji għal diversi awtoritajiet tal-Istati Membri. Il-Pilastru 5 kkontribwixxa b'mod effettiv għat-titjib tal-kondiviżjoni tal-ħiliet u tal-għarfien bejn il-partijiet ikkonċernati permezz tal-programm BTSF, il-laboratorju ta' referenza tal-UE u n-networks taċ-ċentri

ta' referenza. Dan għen ukoll b'mod effettiv fil-ġlieda kontra l-AMR, fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u fit-titjib tal-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali.

Il-Pilastru 6 tejjeb b'mod effettiv il-kwalità u l-puntwalità tal-istatistika Ewropea, filwaqt li pprova bażi ta' evidenza soda għat-tfassil tal-politika fis-suq uniku kollu u f'oqsma ewlenin bħat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u d-drittijiet soċjali. Id-data tal-Eurostat kellha rwol kritiku fit-tfassil ta' strateġiji ewlenin tal-UE, inklużi NextGenerationEU, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u REPowerEU, filwaqt li ffaċilitat ukoll risponsi effettivi għal kriżijiet bħall-kriżi tal-enerġija u l-COVID-19. Il-Programm Ewropew tal-Istatistika (ESP, European Statistical Programme) espanda l-kopertura statistika u introduċa titjib metodoloġiku, sorsi ġodda ta' data u proċessi ta' validazzjoni aħjar, u b'hekk ta spinta sinifikanti lill-affidabbiltà tad-data. Livelli għoljin ta' fiduċja tal-utenti fl-istatistika Ewropea, fejn 95 % tar-rispondenti fl-2024 jesprimu kunfidenza, jissottolinjaw is-suċċess tal-pilastru biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' min ifassal il-politika u tal-partijiet ikkonċernati.

3.2. Effiċjenza

L-implimentazzjoni tal-programm kienet **effiċjenti**, b'allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi u sinjali ta' kosteffettività. Il-benefiċjarji ġeneralment iqisu l-kostijiet u l-benefiċċji bħala proporzjonati, mingħajr piż amministrattiv sproporzjonat. Madankollu, hemm lok biex l-attivitajiet tal-pilastru jsiru aktar effiċjenti, pereżempju fir-rigward tal-għodda eGrants.

L-effiċjenza tal-SMP fil-**Pilastru 1** issa hhet bl-allokazzjoni ta' fondi għal attivitajiet ta' akkwist ġestiti permezz tal-proċess ta' sejħa għall-offerti tal-Kummissjoni, u dan jippermetti l-għoti ta' servizzi mmirati u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Għodod diġitali bħall-eRFI u l-IMI ġew żviluppati u miżmuma bi prezz baxx, u dawn jissostitwixxu s-sistemi żejda u jtejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali, in-negozji u l-pubbliku. Minkejja dawn il-kisbiet, ġew innutati kisbiet fl-effiċjenza limitati fil-konsolidazzjoni tal-linji baġitarji, b'simplifikazzjonijiet amministrattivi minuri biss u b'mekkaniżmi mtejba ta' trasferiment baġitarju osservati meta mqabbla mal-perjodu ta' finanzjament preċedenti. L-isforzi biex tiġi massimizzata l-effiċjenza permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ u apprendiment bejn il-pari, bħas-simplifikazzjoni tal-opzjonijiet tal-kostijiet għall-għotjiet, jibqgħu oqsma fejn jista' jsir titjib.

L-Appoġġ Finanzjarju għal Partijiet Terzi (FSTP, Financial Support for Third Parties) tal-**Pilastru 2** huwa għodda effiċjenti għall-appoġġ ta' negozji żgħar iżda jista' jirriżulta f'piżijiet amministrattivi mqiegħda fuq konsorzji iżgħar u b'inqas esperjenza li jirċievu finanzjament tal-SMP. Il-benefiċjarji ġeneralment iqisu r-rekwiżiti amministrattivi raġonevoli, u l-klijenti tal-SMEs tal-EEN jirrapportaw li s-servizzi huma allinjati b'mod effiċjenti mal-ħtiġijiet tan-negozju. Is-simplifikazzjoni tal-proċessi, bħall-iżvilupp ta' mudelli standard, ta' pjattaforma ta' ġestjoni ċentrali u kundizzjonijiet ta' pagament aħjar huma mezzi biex tittejjeb l-effiċjenza filwaqt li azzjonijiet iżgħar tal-programm huma l-aktar riżervati għal każijiet b'ġustifikazzjoni ċara, bħall-pilotaġġ ta' approċċi innovattivi.

Il-Pilastru 3 tejjeb it-trasparenza tar-rapportar finanzjarju, li ġie ssimplifikat bl-introduzzjoni tal-kostijiet unitarji. Madankollu, it-tranżizzjoni inizjali ħolqot piż amministrattiv, inklużi proċessi duplikati tal-eGrants u rimborżi tal-ivvjaġġar insuffiċjenti matul perjodi ta' inflazzjoni. Il-benefiċjarji mmaniġġjaw il-fondi b'mod effiċjenti biex jiżguraw il-valur għall-flus u ħadmu b'mod attiv biex jiddiversifikaw is-sorsi tal-finanzzjament, iżda l-progress ivarja bejn organizzazzjonijiet bħall-Fondazzjoni għall-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS, International Financial Reporting Standards)(il-Fondazzjoni IFRS), l-EFRAG u l-PIOB. L-iżgurar ta' finanzjament pubbliku suffiċjenti għall-EFRAG u l-garanzija ta' mudell ta' finanzjament

sostenibbli għall-PIOB huma kritiċi biex tinżamm l-indipendenza u jiġi appoġġat ir-rapportar korporattiv u dwar is-sostenibbiltà ta' kwalità għolja, li huma essenzjali għall-investituri u għas-swieq kapitali.

Fil-Pilastru 4, il-bidla lejn l-akkwist tejbet l-effiċjenza fl-indirizzar ta' kwistjonijiet b'rabta mal-konsumatur li qed jevolvu, bħad-drittijiet diġitali u s-sikurezza tal-prodotti, u dan huwa appoġġat minn evidenza miġbura permezz ta' sħarrijiet u studji. Better Finance uriet livell għoli ta' produttività u effettività, filwaqt li kisbet outputs sinifikanti għal kull persuna u eċċellat meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet ta' daqs simili. Bl-istess mod, Finance Watch żammet livell għoli ta' effiċjenza, u pproduċiet outputs estensivi, b'mod partikolari f'attivitajiet ta' komunikazzjoni, filwaqt li wettqet ħidma ta' kwalità għolja fuq malprassi finanzjarja, finanzjament għal SMEs ekoloġiċi u dejn eċċessiv.

Il-Pilastru 5 appoġġa programmi veterinarji u fitosanitarji b'mod effiċjenti, billi effettivament rialloka r-riżorsi għal mard ta' priorità, bħall-ASF u l-HPAI, filwaqt li kkofinanzja miżuri biex jittaffew it-tifqigħat ta' pesti tal-pjanti, bħall-*Xylella fastidiosa* u n-nematodu tal-injam tal-arżnu. L-analizzjiet tal-kosteffettività tar-risponsi ffinanzjati mill-SMP għall-HPAI u l-*Xylella fastidiosa* jenfasizzaw ir-rwol tal-programm biex jittaffa l-piż finanzjarju fuq l-Istati Membri. L-appoġġ għall-Pjattaforma dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH, World Organisation for Animal Health) saħħaħ l-implimentazzjoni tal-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali u l-infurzar madwar l-Ewropa. Il-programm BTSF irreġistra wkoll tnaqqis sinifikanti fil-kostijiet unitarji għal kull taħriġ u għal kull parteċipant, prinċipalment minħabba ċ-ċaqliq lejn formati online.

Il-Pilastru 6 wera effiċjenza fl-allokazzjoni tar-riżorsi, fejn il-partijiet ikkonċernati jirrikonoxxu l-kosteffettività tal-ESP u l-benefiċċji proporzjonati li jagħti. L-awtomatizzazzjoni u l-proċessi statistiċi ssimplifikati kkontribwew għal titjib fl-effiċjenza, marbuta ma' tnaqqis fir-riżorsi umani fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, European Statistical System). Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jwissu li kwalunkwe tnaqqis ulterjuri fil-persunal jista' jfixkel il-kapaċità tal-ESP li jissodisfa d-domandi dejjem akbar għal statistika dettaljata u f'waqtha u li jinvesti f'teknoloġiji ġodda. Is-simplifikazzjoni leġiżlattiva u l-adozzjoni ta' għodod elettroniċi rnexxielhom inaqqsu l-piż amministrattiv, u l-partijiet ikkonċernati rrappurtaw suċċess moderat sa għoli f'dan il-qasam. Id-dipendenza tal-ESP fuq diversi sorsi ta' finanzjament, inklużi fondi sottodelegati, appoġġat l-iżvilupp ta' statistika mfassla apposta. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jenfasizzaw l-importanza ta' struttura ta' finanzjament li tiżgura l-awtonomija u l-effiċjenza fit-tul.

3.3. Koerenza

L-evalwazzjoni ssib li l-SMP juri **koerenza interna**. Ma hemm l-ebda trikkib bejn il-pilastru u l-oqsma ta' azzjoni tiegħu, u kull pilastru jiffoka fuq oqsma ta' politika differenti b'oqfsa regolatorji distinti. L-allinjament ma' programmi oħra tal-qafas finanzjarju pluriennali, li l-attivitajiet tagħhom ma humiex idduplikati mill-SMP, u l-qafas regolatorju tal-UE, l-istrateġiji tal-UE u l-oġettivi usa' jenfasizzaw il-konsistenza tiegħu (koerenza esterna). Madankollu, trid titqies ċerta sfumatura peress li n-natura intertematika u varjata tal-SMP tista' żżid aktar kumplessità fil-koordinazzjoni ġenerali tal-programm li min-naħa tagħha jista' jkollha impatt fuq il-koerenza tal-attivitajiet.

Il-Pilastru 1 juri l-koerenza kemm internament kif ukoll esternament. L-attivitajiet tiegħu huma allinjati ma' xulxin biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fir-Regolament SMP u jaqblu mal-istrateġiji u l-prioritajiet kumplessivi tal-Kummissjoni. Madankollu, il-

konsolidazzjoni tal-attivitajiet fi ħdan il-pilastru ma pproduċietx is-sinerġiji mistennija jew l-azzjonijiet konġunti ta' strument finanzjarju integrat.

Il-Pilastru 2 juri koerenza interna u esterna permezz ta' sinerġiji u kooperazzjoni mtejba fost azzjonijiet ewlenin bħall-Helpdesks tal-PI. Madankollu, azzjonijiet iżgħar jew inqas kontinwi għandhom konnessjonijiet aktar dgħajfa ma' attivitajiet oħra. Filwaqt li l-partijiet ikkonċernati jirrikonoxxu l-kumplessità tal-koordinazzjoni fi ħdan l-istruttura intertematika tal-SMP, il-pilastru jibbenefika mill-firxa usa' tal-SMP u minn pożizzjonament aktar b'saħħtu. Eżempji ta' sinerġiji ma' pilastri oħra tal-SMP u programmi tal-UE (bħal Orizzont Ewropa u inizjattivi nazzjonali u reġjonali) jenfasizzaw kif il-pilastru jallinja ma' oqfsa ta' appoġġ usa' u jikkomplementahom, b'mod partikolari l-EEN.

Il-Pilastru 3 juri koerenza interna u esterna; l-amalgamazzjoni tal-linji baġitarji għall-istandardizzazzjoni Ewropea u r-rapportar finanzjarju ma rriżultatx f'inkonsistenzi. In-natura speċifika tal-attivitajiet tagħha timminimizza r-riskju ta' trikkib jew kunflitt, kemm fi ħdan il-pilastru nnifsu kif ukoll ma' pilastri oħra. L-appoġġ operazzjonali tal-SMP għall-istandardizzazzjoni jallinja perfettament mal-finanzjament speċifiku għall-proġett minn programmi bħal Orizzont Ewropa u LIFE. Dan isahħa is-sinerġiji u javvanza l-prijoritajiet tal-UE, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni diġitali. Il-mandat il-ġdid tal-EFRAG biex jiżviluppa l-ESRS jimla lakuna kritika fir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, b'attenzjoni partikolari għall-interoperabbiltà mal-istandards globali biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-oqfsa internazzjonali.

Il-Pilastru 4 jippreżenta livell għoli ta' koerenza interna u esterna, filwaqt li jallinja l-attivitajiet tiegħu mal-oġettivi tar-Regolament SMP u jikkomplementa inizjattivi usa' tal-UE, bħall-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida. Il-ħidma tal-benefiċjarji, inklużi l-BEUC, Better Finance u Finance Watch, tirrifletti approċċ kollaborattiv, li jindirizza kemm it-tfassil ġenerali tal-konsumatur kif ukoll kwistjonijiet b'raba mas-servizzi finanzjarji. Barra minn hekk, il-pilastru jikkomplementa pilastri oħra tal-SMP, bħall-Pilastru 1 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-Pilastru 3 dwar l-istabbiliment ta' standards. Il-Pilastru jikkomplementa wkoll il-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, filwaqt li jiżgura l-allinjament mal-prijoritajiet ewlenin tal-UE fis-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur.

Il-Pilastru 5 juri livell għoli ta' koerenza interna fil-partijiet tiegħu dwar is-sikurezza alimentari, fejn is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti jikkomplementaw lil xulxin biex tiġi żgurata s-sikurezza tul il-katina alimentari. Esternament, jallinja tajjeb mal-prijoritajiet tal-UE, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-miżuri tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) permezz ta' inizjattivi bħat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, il-minimizzazzjoni tal-użu tal-pestiċidi u l-ġlieda kontra l-AMR. Il-Pilastru jikkomplementa b'mod ċar programmi oħra, b'mod partikolari Orizzont Ewropa u l-UE għas-Saħħa: kull programm jiffoka fuq aspetti distinti iżda kkoordinati tal-agrikoltura sostenibbli, il-mitigazzjoni tal-AMR u s-sostenibbiltà ambjentali. Dan jimmassimizza l-impatt u jevita d-duplikazzjoni tal-isforzi.

L-oġettivi u l-attivitajiet tal-**Pilastru 6** juru livell għoli ta' koerenza interna u esterna, appoġġata minn oqfsa legali li jiżguraw statistika konsistenti u komparabbli fl-Istati Membri kollha. Dan jiżgura l-koerenza permezz ta' oqfsa legali, korpi ta' governanza u allinjament mal-istrateġiji tal-UE. Il-kollaborazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali ttejjeb l-effiċjenza u l-konsistenza mal-istandards globali.

3.4. Valur miżjud tal-UE

L-SMP jiġġenera **valur miżjud** li l-finanzjament fil-livell nazzjonali ma setax jikseb. L-attivitajiet iffinanzjati jippermettu lill-Kummissjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha biex tindirizza kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tagħha. Hija meħtieġa wkoll azzjoni fil-livell tal-UE minħabba n-natura tal-isfidi u l-ħtiġijiet relatati mal-funzjonament tas-suq uniku. B'dan il-mod, l-SMP jipprovdi benefiċċji transfruntiera u ekonomiji ta' skala aqwa milli setgħet tikseb l-azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha, u dan jissottolinja l-valur miżjud tiegħu.

Il-Pilastru 1 jipprovdi valur miżjud tal-UE billi jippermetti lill-Kummissjoni tissodisfa r-responsabbiltajiet legali tagħha, li ma jistgħux jiġu ddelegati lill-Istati Membri, u billi jikseb ekonomiji ta' skala. L-appoġġ tal-programm għas-servizzi transfruntiera, bħall-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali, l-infurzar tad-dritt tal-UE u l-ġhodod tal-IT kondiviżi, jipprovdi benefiċċji li ma jistgħux jiġu replikati fil-livell nazzjonali. Dawn l-attivitajiet huma kritiċi għall-approfondiment tas-suq uniku, għat-tisħiħ tal-kompetittività u għall-iżgurar tal-iżvilupp u l-monitoraġġ effettivi tad-dritt u l-politiki tal-UE. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tenfasizza li mingħajr il-finanzjament tal-SMP, ikunu meħtieġa sorsi alternattivi ta' finanzjament tal-UE biex jiġu ssodisfati dawn l-obbligi.

Il-Pilastru 2 juri valur miżjud sinifikanti tal-UE billi jrawwem il-kooperazzjoni transfruntiera, jippermetti l-apprendiment reċiproku u jipprovdi valutazzjoni komparattiva u gwida dwar il-politika tal-SMEs li l-programmi nazzjonali ma jistgħux jiksbu. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kkonfermaw b'mod konsistenti l-valur uniku tal-inizjattivi fil-livell tal-UE fl-armonizzazzjoni tar-regolamentazzjoni u l-oqfsa għas-suq uniku. Biex tiġi indirizzata l-parteċipazzjoni mhux uniformi f'sejħiet u proġetti, l-isforzi ta' promozzjoni u r-rekwiżiti tal-konsorzju issa huma mmirati lejn pajjiżi sottorappreżentati, u dan jiżgura inklużività usa' u valur miżjud sostnut tal-UE.

Il-Pilastru 3 jipprovdi valur miżjud kbir tal-UE billi jiżgura appoġġ sostnut għall-organizzazzjonijiet tal-Anness III (Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs, lill-konsumaturi, l-interessi ambjentali u soċjali fl-istandardizzazzjoni Ewropea³), li jiddependu fuq il-finanzjament tal-SMP biex jibqgħu attivi u inklużivi fil-proċess ta' standardizzazzjoni. Mingħajr finanzjament tal-UE, hemm riskju ta' rinazzjonalizzazzjoni, li tirriskja li ddgħajfef il-vuċi unifikata tal-UE fil-fora ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali, u b'hekk tnaqqas il-koerenza u l-effettività. L-azzjoni tal-UE hija essenzjali għas-sorveljanza u l-koordinazzjoni, l-allinjament tal-isforzi ta' standardizzazzjoni mal-leġiżlazzjoni tal-UE u mal-interessi pubbliċi, il-prevenzjoni tal-frammentazzjoni tas-suq u l-iżgurar ta' standards applikabbli ta' kwalità għolja.

Il-Pilastru 4 jipprovdi valur miżjud sinifikanti tal-UE billi jiffinanzja studji u ġbir ta' data dwar kwistjonijiet b'rabta mal-konsumatur, u dan jippermetti lil dawk li jfasslu l-politika jindirizzaw ir-riskji emerġenti, jivvalutaw b'mod komparattiv il-prestazzjoni tal-Istati Membri u jsawru azzjoni ta' infurzar koordinata. L-SMP jappoġġa l-promozzjoni tal-konsumaturi fil-livell tal-UE, filwaqt li jiżgura rappreżentanza f'oqasma bħas-servizzi finanzjarji li ma jiġux indirizzati biżżejjed fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi mhux tal-UE ssaħħa il-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-politika tal-konsumatur tal-UE, li tiddependi fuq

³ [Ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni - 1025/2012 - MT - EUR-Lex.](#)

azzjonijiet koordinati u mmexxija mid-data biex tindirizza l-isfidi transfruntiera u tippromwovi l-interessi tal-konsumatur b'mod effettiv.

L-azzjonijiet tal-**Pilastru 5** għandhom impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, fuq l-għoti tas-setgħa lill-pubbliku permezz tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u l-kondiviżjoni tal-għarfien, u fuq it-titjib tas-sostenibbiltà fis-sistemi tal-ikel. Dan jipprovdi valur miżjud sinifikanti tal-UE billi jippermetti azzjonijiet koordinati fis-saħħa tal-annimali u tal-pjanti li l-Istati Membri ma setgħux jiksibu waħedhom jew isibuha diffiċli biex jiffinanzjaw. Il-finanzjament tal-SMP jappoġġa miżuri u programmi ta' emerġenza veterinarji u fitosanitarji, banek tal-vaċċini (li huma kritiċi biex jiġu indirizzati l-mard transfruntier tal-annimali u l-pesti tal-pjanti), u għodod essenzjali bħal-laboratorji ta' referenza tal-UE u t-taħriġ tal-programm BTSF. Dawn l-isforzi jikkontribwixxu ħafna għat-titjib tal-kapaċitajiet ta' kontroll uffiċjali tal-Istati Membri, għall-armonizzazzjoni tal-infurzar u għall-iżgurar ta' approċċ konsistenti meħtieġ għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku.

Il-Pilastru 6 jipprovdi valur miżjud qawwi tal-UE għad-data tal-UE permezz tal-imparzjalità, l-affidabbiltà u l-komparabbiltà armonizzata tagħha madwar l-Istati Membri kollha. Il-qafas ċentralizzat u l-avvanzi metodoloġiċi tejbu b'mod sinifikanti l-kwalità u l-puntwalità tad-data, b'hekk jippermettu teħid ta' deċiżjonijiet infurmat. Inizjattivi bħad-Dashboard Ewropew tal-Istatistika tal-Irkupru juru li jistgħu jadattaw għall-ħtiġijiet emerġenti, filwaqt li l-għotjiet u l-isforzi kollaborattivi jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri. Il-partijiet ikkonċernati kollha japprezzaw l-ESP għar-rwol kritiku tiegħu fl-għoti ta' statistika unifikata u standardizzata li hija essenzjali għat-tfassil tal-politika — xi ħaġa li l-Istati Membri ma setgħux jiksibu waħedhom. L-allinjament tal-Eurostat mal-istandards globali jkompli jissottolinja l-importanza tal-attivitajiet tagħhom.

3.5. Rilevanza

L-oġettivi tal-SMP u l-attivitajiet implimentati fi ħdan il-pilastru kollha tiegħu jibqgħu **rilevanti** għall-ħtiġijiet tas-suq uniku u jagħtu prova ta' ċertu grad ta' adattabbiltà biex jirrispondi għall-isfidi emerġenti u mhux previsti (eż. il-COVID-19, l-Ukrajna), anke b'baġit relattivament modest li ma antiċipax il-pressjoni inflazzjonarja jew dawn l-avvenimenti matul l-implimentazzjoni tal-programm. Ir-rilevanza tal-programm tiżdied meta jitqiesu l-isfidi politiċi emerġenti riflessi fil-Linji Gwida Politiċi l-ġodda⁴ u fir-rapporti reċenti ta' Enrico Letta u Mario Draghi⁵. Madankollu, il-baġit modest tal-programm u l-ħtieġa ta' viżibbiltà u komunikazzjoni aħjar ta' ċerti attivitajiet jissuġġerixxu oqsma ta' titjib biex jiġi żgurat li jibqa' rilevanti għall-ħtiġijiet tal-pubbliku, tan-negozji u tal-isfidi politiċi tal-UE b'mod ġenerali.

Il-Pilastru 1 jibqa' rilevanti ħafna peress li jappoġġa l-infurzar tad-dritt tal-UE, ir-regoli tal-kompetizzjoni, is-sistemi tal-IT u l-gruppi ta' koordinazzjoni li huma allinjati mal-istrateġiji u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Ir-rilevanza tal-pilastru hija mistennija li tkompli tikber billi tikkontribwixxi għat-tkabbir, l-investimenti u t-tlestija tas-suq uniku, inkluż il-ħolqien ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti skont il-Linji Gwida Politiċi 2024–2029.

L-oġettivi u l-azzjonijiet tal-**Pilastru 2** huma rilevanti ħafna. Dawn huma allinjati mill-qrib mal-istrateġiji u l-prijoritajiet tal-UE u mal-programmi ta' ħidma żviluppatti abbażi ta'

⁴ [Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea għall-2024–2029.](#)

⁵ Ir-Rapport Draghi, [EU competitiveness: Looking ahead - Il-Kummissjoni Ewropea](#). Ir-Rapport Letta, [Enrico Letta - Much more than a market \(April 2024\).](#)

konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati biex jiġi żgurat li jindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-SMEs u tas-suq uniku. Madankollu, jista' jsir titjib billi l-azzjonijiet jintrabtu b'mod espliċitu mal-oġġettivi fil-programmi ta' ħidma u billi jiġi evitat li l-benefiċjarji jkunu mgħarrqa b'wisq talbiet.

Il-Pilastru 3 jibqa' rilevanti peress li huwa allinjat tajjeb mal-ħtiġijiet tas-suq, jappoġġa l-moviment liberu tal-kapital fis-suq uniku, jagħti spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE fis-swieq kapitali globali, u jiżgura li l-interessi tal-UE jkunu rappreżentati fil-proċess tal-istabbiliment tal-istandards. L-attivitajiet, bħall-iżvilupp mill-EFRAG tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà skont id-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD, Corporate Sustainability Reporting Directive) huma kritiċi għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, għall-influenzar tal-istandardizzazzjoni globali u għall-indirizzar tal-importanza dejjem akbar tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà.

Il-Pilastru 4 jibqa' rilevanti ħafna, u jindirizza l-protezzjoni tal-konsumatur u s-servizzi finanzjarji permezz ta' attivitajiet allinjati mal-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida u l-prijoritajiet tal-UE. Inizjattivi, bħal Consumer PRO, l-ġhotjiet għal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, u l-ġhodod tal-IT, bħal Safety Gate u l-web crawlers tas-sorveljanza elettronika, jappoġġaw b'mod effettiv lill-awtoritajiet tal-infurzar, jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi u jiżguraw is-sikurezza tal-prodotti. Il-benefiċjarji Better Finance u Finance Watch għandhom rwol kruċjali fir-rappreżentanza tal-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji. L-għarfien espert tagħhom huwa mistenni li jsir aktar importanti flimkien mal-enfasi tal-UE fuq l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u l-litteriżmu finanzjarju għalkemm jistgħu jkunu meħtieġa aktar viżibbiltà u riżorsi fil-futur.

Il-Pilastru 5 jikkontribwixxi għal suq uniku aktar b'saħħtu u aktar koerenti u huwa rilevanti ħafna għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-katina alimentari tal-UE. Il-Pilastru jindirizza kwistjonijiet ewlenin bħall-mard emerġenti, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, is-sikurezza alimentari u l-prattiki sostenibbli. Il-miżuri ta' emerġenza kofinanzjati għall-mard tal-annimali u tal-pjanti għenu biex jittaffa l-piż fuq il-bdiewa. L-attivitajiet li jiffukaw fuq is-sorveljanza, l-ispezzjonijiet fil-laboratorji u l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel jallinjaw ma' politiki usa' tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, filwaqt li jiżguraw rilevanza kontinwa fl-indirizzar tal-isfidi tas-saħħa pubblika u tas-sostenibbiltà.

Il-Pilastru 6 għadu rilevanti ħafna. Huwa jallinja mill-qrib mal-ħtiġijiet tal-ESS u ta' partijiet ikkonċernati oħra billi jindirizza l-prijoritajiet ta' politika u r-rekwiżiti tad-data li qed jinbidlu. Filwaqt li l-ESS uriet adattabbiltà, b'mod partikolari matul kriżijiet bħall-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna, il-lakuni fil-granularità tad-data reġjonali, il-puntwalità u l-integrazzjoni ta' sorsi ġodda tad-data jenfasizzaw il-ħtieġa ta' innovazzjoni u titjib kontinwi biex jiġu ssodisfati t-talbiet emerġenti ta' politika.

3.6. Flessibbiltà

L-SMP kiseb parzjalment il-benefiċċji mistennija ta' programm integrat. Il-potenzjal tal-SMP għall-**flessibbiltà** għab xi riżultati pożittivi, iżda l-potenzjal sħiħ tiegħu għadu ma ġiex sfruttat. It-trasferimenti baġitarji kienu ammonti relattivament żgħir u seħħew bejn il-linji baġitarji ġestiti mill-istess dipartiment tal-Kummissjoni.

3.7. Simplifikazzjoni

Għalkemm hemm xi evidenza mill-evalwazzjoni *interim*, **is-simplifikazzjoni** kumplessiva fil-livell tal-programm ma hijiex fil-livell mistenni. Xi simplifikazzjoni rriżultat minn bażi

legali unika għall-programm: il-Kummissjoni kellha biss tħejji proposta waħda, u l-Parlament u l-Kunsill kellhom jadottaw biss regolament wieħed. Madankollu, l-evidenza ta' simplifikazzjoni oħra hija limitata peress li diversi kunitati u programmi ta' ħidma għadhom meħtieġa biex ikopru oqsma ta' politika differenti.

3.8. Sinerġiji

Is-sinerġiji mistennija mill-konsolidazzjoni tal-attivitajiet fi strument ta' finanzjament uniku ma mmaterjalizzawx bis-sħiħ, minkejja l-kooperazzjoni bejn l-oqsma ta' politika, li jimplika kollaborazzjoni soda bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni. Twettqu attivitajiet konġunti f'diversi pilastri iżda hemm lok għal iktar żvilupp.

4. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Minkejja l-konklużjonijiet pożittivi kumplessivi f'dan l-istadju ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni, hemm lok għal titjib. B'kont meħud tal-baġit limitat tal-programm u l-iskeda ta' programmazzjoni fissa tiegħu, l-akkomodazzjoni ta' prioritajiet ta' politika ġodda mingħajr baġit sostanzjalment miżjud hija sfida. B'mod partikolari, inflazzjoni oġhla milli mistenni naqqset l-għadd u l-firxa ta' azzjonijiet li jistgħu jitwettqu.

Il-potenzjal għall-flessibbiltà, is-sinerġiji u s-simplifikazzjoni għandu jiġi sfruttat aktar biex isir l-aħjar użu mid-disinn uniku tal-SMP. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni responsabbli għal kull pilastri tal-SMP jistgħu jinvestigaw il-fattibbiltà li jinbnew aktar azzjonijiet konġunti, bħal taħriġ bejn il-pilastri, attivitajiet ta' akkwist kondiviż, xirjiet komuni ta' bażijiet tad-data, studji konġunti, sħarriġiet tal-Ewrobarometru, kuntratti qafas u proġetti tal-IT kondiviżi. Is-simplifikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-ġodda eGrants.

Il-ġbir tad-data b'rabta mal-kisba tal-indikaturi jista' jiġi ssimplifikat aktar. Ġbir aktar sistematiku tad-data fil-pilastri kollha jinforma aħjar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tadotta miżuri korrettivi biex tiżgura li l-attivitajiet iservu b'mod effettiv u effiċjenti għall-kisba tal-oġġettivi u jibqgħu rilevanti u koerenti fi ħdan l-SMP u mal-prioritajiet usa' tal-UE.

Ċerti indikaturi fil-qafas ta' **monitoraġġ u evalwazzjoni** jistgħu jiġu aġġornati u rfinati biex ikunu aktar imfassla għall-SMP u jirriflettu aħjar il-prestazzjoni tal-programm. Dan itejjeb ukoll il-ġbir tad-data, jallinja l-qafas aktar mal-loġika tal-intervent, u fl-aħħar mill-aħħar itejjeb il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm, b'mod partikolari matul l-evalwazzjoni finali.

Pilastru 1: Ġbir ta' feedback aktar frekwenti, fejn rilevanti, minn utenti ta' servizzi bħal Your Europe – Pariri (YEA, Your Europe Advice) u l-Kumpass tat-Tassonomija tal-UE, itejjeb il-monitoraġġ tas-sodisfazzjon tal-utenti u l-ġoti tas-servizzi⁶. L-introduzzjoni ta' sistema ta' rapportar unifikata fil-linji baġitarji kollha tissimplifika t-traċċar tal-attivitajiet, tal-outputs u tar-riżultati. Dan jista' jiżvela opportunitajiet għal sinerġiji f'oqsma bħall-akkwist konġunt, it-taħriġ u l-infurzar koordinat f'diversi oqsma.

Pilastru 2: Il-monitoraġġ sistematiku tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati fir-rapporti dwar il-proġetti jidentifika l-SMEs kollha appoġġati fl-ambitu tal-SMP. L-irbit espliċitu ta' dawn l-indikaturi mal-oġġettivi speċifiċi jgħib aktar ċarezza dwar l-impatt tal-programm.

⁶ Your Europe tinkludi mekkaniżmu ta' feedback u twettaq sħarriġ annwali dwar il-feedback tal-utenti.

L-indikaturi tar-riżultati jistgħu jittejjbu billi s-sodisfazzjon tal-SMEs jintrabat mal-appoġġ riċevut u ma' kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li jieħdu. Stħarriġ armonizzat għandu jipprova jiġbor data dwar l-impatt fuq, pereżempju, it-tkabbir, id-diġitalizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni.

Pilastru 3: Il-ħolqien ta' mekkaniżmi aktar ċari ta' monitoraġġ u feedback għall-parteċipazzjoni fil-proċessi ta' standardizzazzjoni jtejjeb il-fehim ta' kif il-finanzjament tal-UE (b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-Anness III) għandu impatt fuq l-involvement tal-partijiet ikkonċernati. Xi organizzazzjonijiet li huma ffinanzjati biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards ta' rapportar finanzjarju u mhux finanzjarju jiġu affettwati b'mod sever jekk ma jirċievu l-ebda finanzjament, bir-riskju li ma jkunux jistgħu jkomplu l-attivitajiet tagħhom li huma strumentali għall-oġettivi tal-politika tal-UE. Jeħtieġ ukoll tiżdied il-bażi ta' finanzjament ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

Pilastru 4: L-esperjenza miksuba mill-programm uriet li, filwaqt li l-indikaturi jeħtieġ ikunu fis-seħħ biex ikejlu l-outputs kwantitattivi tal-benefiċjarji, il-kejl tal-kwalità jew tal-impatt tal-attivitajiet bl-użu ta' indikaturi kwantitattivi jgħib miegħu ċerti sfidi. Xi benefiċjarji ltaqgħu wkoll ma' diffikultajiet finanzjarji minħabba żieda fl-inflazzjoni li ma kinitx koperta mill-ammonti fid-disinn inizjali tal-SMP. Il-konformità u s-sikurezza tal-prodotti jittejjbu billi jiġu żgurati aktar uffiċjali tas-sorveljanza tas-suq, kooperazzjoni aħjar mal-awtoritajiet doganali, tixrid aktar malajr tas-sejbiet tar-riċerka, u sejħiet aktar frekwenti għall-finanzjament. Livelli ta' riżorsi li jvarjaw fost il-parteċipanti fl-għotjiet setgħu affettwaw il-livell ta' kisbiet għal dawn l-azzjonijiet b'mod partikolari fejn huwa meħtieġ finanzjament korrispondenti.

Pilastru 5: It-titjib tal-qafas ta' monitoraġġ tal-programm billi jiġu stabbiliti indikaturi jgħin biex jitkejlu aħjar l-effettività u l-effiċjenza tal-attivitajiet iffinanzjati, pereżempju biex jiġu mmonitorjati l-progress u l-impatt tal-attivitajiet taċ-Ċentri ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea (EURCs, European Union Reference Centres) dwar il-benesseri tal-annimali. Dan jgħin ukoll biex jiġi vvalutat aħjar kemm dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. L-aċċess għal riżerva ta' għajjnuna f'emerġenza huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' miżuri u programmi ta' emerġenza veterinarji u fitosanitarji.

Pilastru 6: Hemm bżonn li jkompli jsir investiment f'teknoloġiji ġodda u sorsi ta' data innovattivi. It-titjib tal-adattabbiltà għall-iżviluppi teknoloġiċi rapidi huwa kruċjali, u huma meħtieġa sforzi kontinwi biex tittejjeb il-puntwalità, jitnaqqas id-dewmien fil-pubblikazzjoni u jissaħħu l-inizjattivi tal-bini tal-kapaċitajiet fost l-Istati Membri. Il-prijoritizzazzjoni tal-outputs statistiċi u l-koordinazzjoni kontinwa ma' korpi oħra tal-UE huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tad-data l-aktar kritiċi u b'impatt għoli jiġu indirizzati b'mod effiċjenti. Biex jinkiseb dan, għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi aktar b'saħħithom biex jagħtu spinta lill-involvement tal-utenti u jifhmu aħjar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom, inkluż feedback aktar f'waqt u inklużiv. Jitqies importanti li jkompli jiġi definit il-Pilastru Ewropew tal-Istatistika, inklużi l-attivitajiet u l-baġit tiegħu, fi ħdan l-arkitettura futura tal-QFP, sabiex tiġi enfasizzata n-natura indipendenti u imparzjali tiegħu.